- *SELV BREVI MANU* –
- *"CONTRA SCRIPTUM NON SCRIPTUM TESTIMONIUM FERTUR"* –
- *MIN JALLEGA JRID JIPPROVA* -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 28**
**Citazzjoni Numru: 1172/99/RCP**

**Francis u Victoria konjugi Debono**

**vs**

**Jason Penza**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi kienu ghamlu self *brevi manu* lill-konvenut Jason

Penza u lil binthom Maroushka Debono flimkien fis-somma komplessiva ta' elfejn u seba' mitt lira Maltin (Lm2,700) f'Ottubru 1997, kif jidher fid-dokument anness u mmarkat bhala Dokument "D1";

Illi dan is-self *brevi manu* sar biex il-konvenut u bint l-atturi setghu jixtru proprjeta' bejniethom

Illi r-relazzjoni bejn il-konvenut u bint l-atturi thassret u l-konvenut xtara s-sehem ta' bint l-atturi fuq il-proprjeta' li min-naha taghha hija hallset lura s-sehem taghha lill-atturi fuq is-self *brevi manu;*

Illi l-konvenut huwa debitur ta' l-atturi fis-somma ta' elf, tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm1,350) rapprezentanti s-sehem tieghu ghal dan is-self *brevi manu*, liema somma ghadha ma thallsitx mill-konvenut minkejja li gie nterpellat biex ihallas permezz ta' ittra ufficjali tas-7 ta' April 1999;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' Artikolu 167 – 170 ta' l-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li d-dejn huwa cert likwidu u dovut, u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba tal-hlas;

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, ghaliex:

1. Ma ghandux jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma

ta' elf, tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm1,350) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar f' self *brevi manu* li sar f'Ottubru 1997.

Bl-ispejjez inkluzi dik ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' April 1999 u bl-imghaxijiet u bl-ingunzjoni tal-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 1999;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-1 ta' Lulju 1999 a fol. 13 fejn eccepixxa :-

1. Illi, preliminarjament ghandha tigi kjamata fil-kawza mart l-eccipjent.

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mhux dovut, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.13 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-24 ta' Jannar 2000; tat-22 ta' Mejju 2000; tal-10 ta' Ottubru 2000 fejn inghata digriet tal-affidavits tal-konvenut b'terminu ta' tletin gurnata; tas-7 ta'

Dicembru 2000 fejn xehdu n-Nutar Joseph Debono, Yvette Bonnici u Alberto Auguliaro;

Rat in-nota ta' Jason Penza li biha esebixxa zewg affidavits;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2001 fejn xehdu Joseph Grech u Raymond Buttigieg. Dr. Mifsud Agius iddikjarat li m'ghandhiex provi izjed; tad-9 ta' Mejju 2001; tal-21 ta' Mejju 2001; tal-31 ta' Mejju 2001; tat-18 ta' Ottubru 2001 fejn Dr. Borg Olivier irrinunzja ghax-xhieda ta' Raymond Buttigieg. Xehdu Victoria Debono u Jason Penza; u tal-10 ta' Jannar 2002 fejn xehdet Maroushka Debono. Id-difensuri qablu li m'ghandhomx provi aktar. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota. Il-Qorti laqghat it-talba u pprefiggiet terminu ta' 40 jum lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom 40 gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-18 ta' April 2002.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Rat li ebda nota ta' sottomissjonijiet ma giet prezentata.

## II. IL-VERTENZA ODJERNA

Illi din il-kawza saret peress li l-atturi qed isostnu li ghamlu self *brevi manu* lill-konvenut u lil binthom Maroushka flimkien fis-somma ta' Lm2,700. Dan is-self sar biex dawn ta' l-ahhar jixtru proprjeta' bejniethom. Illi pero' l-konvenut u binthom hassru r-relazzjoni taghhom u l-konvenut xtara s-sehem ta' binthom fuq il-proprjeta'. Min-naha taghha hallset lura s-sehem taghha lill-atturi fuq is-self. B'hekk huma qed jippretendu mill-konvenut is-sehem tieghu ghal dan is-self cjoe' s-somma ta' Lm1,350 li ghalkemm interpellat baqa' ma hallasx.

Il-konvenut min-naha tieghu eccepixxa illi ghandha tigi kjamata fil-kawza martu. Inoltre' jsostni li l-ammont pretiz mhux dovut.

## (A) Provi prodotti

**Victoria Debono** spjegat li d-dokument a fol. 5 tal-process inkiteb minn Jason Penza meta silfithom il-flus. Hija ma setghetx tiftakar ezattament id-data u z-zmien meta sellfitilhom il-flus in kwistjoni. Dawn il-flus sellfithomlhom fuq il-post. It-tifla u l-gharus taghha ta' dak iz-zmien, cjoe' l-konvenut, obbligaw ruhhom illi jrodduhom lura. Kellhom ihallsu meta jkollhom. Hija xehdet li bintha tatha sehma lura. Xehdet ukoll li darba l-konvenut kien qalilha li se jaghtiha lura l-flus f'incident partikolari li semmiet. Wara dan id-diskors kitbitlu ittra u ma wegibhiex.

**Maroushka Debono**, bint l-atturi, xehdet li hija kienet gharusa mal-konvenut. Huma kienu xtraw proprjeta' flimkien. Hija kienet harget il-flus tal-konvenju u huwa kien jaghmel il-pagamenti fix-xahar. Meta hassru l-gherusija hija bieghet sehmha lilu. Il-hlas li rceviet minghand il-konvenut kien jirrifletti x-xiri tal-post. Huma ma kienux ftehmu bejniethom illi dak l-ammont kien jinkludi wkoll is-sehem tieghu li kellu jaghti lil ommha. In kontro-ezami xehdet li l-flus issellfuhom wara l-konvenju li sar f'Settembru 1997. Il-kuntratt iffirmawh imbaghad f' Dicembru. Huma qatt ma marru joqoghdu f'dan il-post. Meta xtraw il-post kellhom bzonn jibdew jimlewh. Il-post xtrawh Lm23,000. Giet mistoqsija kif waslu ghall-ammont ta' Lm6,200. Hija qablet li fuq il-kuntratt harget Lm5,600 u fuq il-konvenju harget Lm600. Hija baqghet issostni li l-flus li rceviet ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-self t'ommha. Hija kkonfermat ukoll l-iskrittura ta' self immarkata bhala Dok. MD1.

**In-Nutar Joseph Debono**, prodott mill-konvenut, ikkonferma li ghamel il-konvenju kif ukoll l-att finali. Huwa ma setax jiftakar kif waslu ghall-ammont imsemmi fl-Att Pubbliku ppublikat minnu fid-19 ta' Jannar 1999 (Dok. JD1 a fol. 50 tal-process). Qal biss li Jason Penza ha *loan* minghand il-Bank u Maroushka Debono bieghet in-nofs taghha lilu. Huwa lanqas ma kien jaf li qatt sar xi self *brevi manu* fuq din id-dar lil Maroushka Debono u lil Jason Penza minn omm Maroushka Debono.

Xehdu wkoll **Yvette Bonnici**, rapprezentanta tal-HSBC, B'Kara Branch, li esebiet diversi *statements* ta' *Savings* u *Fixed Deposits*; kif ukoll **Alberto Auguliaro**, rapprezentant tal-HSBC, Branch ta' San Pawl il-Bahar, li esebixxa *statement* ta' *fixed deposit* ta' Maroushka Debono li nghalaq fis-17 ta' Settembru 1997.

Fl-affidavit tieghu **Jason Penza spjega** li kien gharus ma' Maroushka Debono u kellhom pjanijiet biex jizzewgu tant li xtraw post flimkien ghal Lm23,700. Il-konvenju sar fis-26 ta' Settembru, 1997 quddiem in-Nutar Joseph Debono. Huma kellhom ihallsu Lm1,100 akkont tal-prezz li minnhom hareg Lm500. Maroushka Debono hallset Lm600 bhala sehemha tad-depozitu li thallas fuq il-konvenju (Dok. JP1 a fol. 74 tal-process). Huwa spjega li kienu hadu *loan* u huwa kellu jhallas il-pagamenti. Maroushka hallset 20% tal-*loan* cjoe' Lm5,600. Minn dawn harget Lm2,900 mill-kont *savings* taghha kif ukoll issellfu Lm2,700 minghand omm l-gharusa peress illi Maroushka kellha *fixed account* li kien se jimmatura aktar tard minn dak iz-zmien meta xtraw il-post biex ma titlifx l-interessi. Huwa qal ukoll li biex hallas il-bolol tal-kuntratt, in-nutar u l-ispejjez tal-bank issellef Lm950 minghand ir-ragel t'ohtu. Meta hassru huwa spjega li ftehmu li huwa jzomm il-post li kienu xtraw u jixtri sehemha ghas-somma ta' Lm6,200. Skond ix-xhud waslu ghal dan l-ammont ghax b'hekk gew li hallas l-20% tal-*loan* li hallset Maroushka cjoe' Lm5,600, liema somma kienet tinkludi l-ammont li kienet sellfithom ommha. Kwindi huwa

gie li hallas kemm ghal sehmu kif ukoll ghal sehemha; u b'hekk m'ghandu jaghti xejn lill-atturi.

In kontro-ezami rega' sostna li hija harget Lm2,900 mill-Bank. Skond huwa hija binthom Maroushka li ghandha taghti lill-genituri taghha ghax huwa hallashom kollha f'daqqa lill-istess Maroushka fuq il-kuntratt meta kien xtara sehemha. Illi pero' fil-kuntratt imsemmi m'hemm xejn u Victoria Debono ma dehritx fuq il-kuntratt. Il-konvenut ikkonferma wkoll l-iskrittura tas-self u qal li l-flus sellfithomlhom ftit qabel ma xtraw il-*flat*. Kwindi l-flus ghaddew f'xi Ottubru 1997.

Xehed ukoll **Christian Penza**, hu l-konvenut. Huwa qal illi kien sellef lil huh Lm450 ghall-post. Dawn hadhom lura. **Raymond Buttigieg**, ir-ragel t'oht il-konvenut, spjega li meta l-konvenut u l-gharusa tieghu hassru Jason Penza kellu bzonn Lm6,200. Ix-xhud sellfu Lm1,000 biex ihallas id-*deposit* fuq il-post. Dawn il-flus tahomlu lura. Meta hassru mbaghad ma sellfux aktar flus. Huwa jaf li meta hassru l-konvenut issellef flus mill-Bank.

Il-konvenut ipproduca wkoll bhala xhud lil **Joseph Grech,** Manager tal-Bank of Valletta p.l.c. ta' Haz-Zabbar, li xehed li jaf lill-konvenut bhala klijent. Huwa qal li l-konvenut ghandu zewg *loans* ghall-iskop biex jixtri l-post Flat 8, Mabrouk Flats, Mile End Avenue, Blata l-Bajda. Kien hemm zewg kuntratti. Fit-tieni wiehed kienet involuta Maroushka Debono peress li l-Bank ta *loan extra* lil Jason

Penza biex hi tohrog mix-xena. In kontro-ezami rrisponda li huwa ma jafx li kien hemm xi self bejn Victoria Debono, Jason Penza u Maroushka Debono.

## (B) KONSIDERAZZJONIJIET

Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni mill-provi prodotti li Victoria Debono, l-attrici, sellfet Lm2,700 lil bintha Maroushka u lill-gharus taghha ta' dak iz-zmien Jason Penza fuq il-post li kienu xtraw. Infatti l-iskrittura ta' self ma gietx kontestata mill-konvenut. Dawn il-flus sellfithomlhom ghall-habta ta' Ottubru 1997, kif irrizulta anki mill-kontro-ezami tal-konvenut, li kien iz-zmien bejn il-konvenju u l-kuntratt finali fuq il-post. It-tnejn li huma obbligaw ruhhom li kellhom iroddulha l-flus meta kienu f'pozizzjoni li jaghmlu dan. L-attrici u anki bintha fix-xhieda taghhom qalu li Maroushka Debono hallset sehemha mid-dejn li hi u l-gharus taghha kellhom m'ommha. Infatti l-atturi qed ifittxu ghan-nofs l-ammont misluf.

Illi l-konvenut ipproduca diversi xhieda, fosthom tal-Banek, biex jipprova l-punt tieghu li meta ghamlu l-kuntratt biex jixtri sehemha Lm6,200 kienu jinkludu wkoll nofs l-ammont li ssellfu minghand l-attrici. Huwa sostna fil-fatt li Maroushka Debono kienet hallset 20% tal-*loan cjoe*' Lm5,600. Skond huwa hija harget Lm2,900 minn kont *savings* taghha u ssellfu Lm2,700 minghand l-attrici. Hija harget ukoll Lm600 fuq il-konvenju. Kwindi dejjem skond

ix-xhieda tieghu l-ammont ta' Lm6,200 li ta fuq il-kuntratt kien jinkludi l-ammont shih ta' self mhux biss is-sehem tieghu. Izda huwa stess ammetta fil-kontro-ezami li ma kien hemm l-ebda riferenza li fil-kuntratt kien qieghed isir dan u *cjoe'* li kien qed ihallas sehmu mill-ammont misluf lilhom mill-attrici.

Illi hafna mix-xhieda li pproduca l-attur ma kienux wisq ta' ghajnuna ghat-tezi tieghu. Dan ghaliex la n-Nutar li rrediga l-konvenju u l-kuntratt ma kienx a konjizzjoni tas-self; u lanqas il-Manager tal-Bank li maghhom ghandu l-*loans* ma kien jaf xejn. Inoltre' fil-kuntratt datat 19 ta' Jannar 1999 redatt min-Nutar Dottor Joseph Debono fejn il-konvenut xtara sehem Maroushka Debono u taha Lm6,200 (Dok. JP6 a fol.78) m'hemm l-ebda referenza li parti mis-somma lilha moghtija kienet tinkorpora maghha l-ammont mitlub fic-citazzjoni attrici u li hu dovut lilha. L-istess attrici ma kienitx parti fl-istess kuntratt. *Di piu'*, fl-istess kuntratt hemm imnizzel li l-ammont ta' Lm6,200 inghata *"in full settlement of the purchase price of the immovable being purchased hereon;….."*

Illi f'dan ir-rigward tajjeb li wiehed ihares lejn ir-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni ta' skritturi. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et"** (A.C. 26 ta' Mejju 1952 – Vol.XXXVIB.i.119) inghad li hemm regola tradizzjonali u generali ta' *"contra scriptum non scriptum testimonium non fertur".* Infatti dik il-Qorti kompliet:

*"Dina r-regola, osservata b'mod assolut fi zmien antik, gie ritenut li ghandha tigi mitigata (Vol.XXVII.i.870), billi kull kaz ghandu jigi ezaminat skond il-fattispecje tieghu (Vol.XXIX.ii.1090). Gie ritenut ukoll illi l-istess regola ma hijiex applikabbli f'dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni (Vol.XXIX.ii.1203); kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher illi l-kontraenti ghamlu kuntratt simulat biex jghattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu, u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt (Vol.XXX.i.603);"*

Il-Qorti tal-Appell f'din l-istess sentenza kompliet tikkunsidra :

*"Illi r-regola 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' mhix assoluta, u ssofri eccezzjoni f'certi kazi, kif gie mfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Marzu 1951 in re "Blackman vs Apap Bologna". Il-principji li jirregolaw din il-materja skond il-gurisprudenza l-aktar ricenti huma dawn li gejjin :*

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f'dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli*

*principali (Appell 31 ta' Mejju 1943, in re "Farrugia vs Piscopo", Kollez.Vol.XXXI.i.627);*

*2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew f'kazi ta' mpunjazzjoni ta' dik il-kitba, izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga' car (Appell 26 ta' Mejju 1941, in re "Attard vs Mamo", Kollez. Vol. XXXI.i.441);*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi ppruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma' l-att (App.17 ta' Jannar 1917, in re "Muscat vs Fiteni", Kollez. Vol. XXIII.i.780; Prim'Awla 27 ta' Jannar 1937 in re "Mifsud vs Mifsud", Kollez. XXIX.ii.1203; u Appell 20 ta' Jannar 1930 in re "Rizzo vs Anastasi");*

*4. Il-principju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali:*

*F'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita' ghandhom ikunu supremi (Appell 15 ta' Dicembru 1947 in re "Mercieca vs Pace", Kollez. Vol. XXXIII.i.603);"*

Din il-Qorti kif presjeduta kellha wkoll cans thares lejn tali principju fis-sentenza **"Mario Callus noe vs Mark Micallef"** (Cit. Nru: 1736/96/RCP deciza fit-12 ta' Dicembru 2001) u adottat l-istess insenjamenti.

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija mill-attrici. M'hemm l-ebda raguni valida u ma tressqet l-ebda prova min-naha tal-konvenut sabiex twassalha ghall-konvinciment li l-ammont ta' Lm6,200 imsemmi fil-kuntratt datat 19 ta' Jannar 1999 kien jinkludi wkoll fih l-ammont pretiz fic-citazzjoni attrici, u ghalhekk jidher u jirrizulta li l-konvenut naqas li jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati b'mod sodisfacenti, dan meta kien l-oneru tieghu li jipprova dan, abbazi tal-massima li "min jallega ghandu l-oneru ta' prova".

Inoltre' ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut jinghad li l-ebda prova ma tressqet dwarha u ghalhekk ghandha tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf,tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm1,350) rapprezentanti

bilanc ta' somma akbar f'self *brevi manu* li sar f'Ottubru 1997.

Bl-ispejjez inkluzi dik ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' April 1999 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**18 ta' April, 2002.**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**18 ta' April, 2002.**